**27 ta' Settembru, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D. - President**
**Onor. J.H. Herrera Bl.Can., Linc.Can., LL.D.**
**Onor. W. Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.)**

L-E.T. Rev.ma Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca *pro et noe*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *noe et*

**Imħallef - Rikuża - Astensjoni**

*Fuq rikuża żewġ imħallfin astjenew fil-konsiderazzjoni tal-każ. F'materja ta' amministrazzjoni tal-ġustizzja huwa importanti mhux biss li l-ġustizzja ssir imma li tidher manifestament li qiegħda ssir.*

Il-Qorti:-

Rat il-verbal tas-26 ta' Settembru, 1984, li permezz tiegħu, wara d-dikjarazzjonijiet magħmula fl-Awla mill-President ta' din il-Qorti u mill-Onorevoli Mħallef Joseph Herrera, ġiet issollevata da parti tad-difensuri ta' l-appellanti l-eċċezzjoni ta'

rikużazzjoni a bażi ta' l-artikolu 735 (e) u 736 (1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fil-konfront ta' l-Onorevoli *Mħallef Joseph Herrera, u da parti tad-difensuri ta' l-*appellat ġiet issollevata l-eċċezzjoni ta' rikużazzjoni fil-konfront tal-President ta' din il-Qorti fuq il-bażi ta' l-imsemmija artikoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat *in-nota ta' l-appellat tas-26 ta' Settembru, 1984 u r-*risposta relattiva ta' l-appellanti;

Peress illi kif ġie ripetutament ritenut mill-Qrati tagħna, hu neċessarju li mhux biss issir ġustizzja imma anke li jidher manifest illi ġustizzja qiegħda ssir, u f'dan ir-rigward jistgħu jiġu ċitati *ż-żewġ każijiet, wieħed fl-ismijiet* ***Caruana vs* Gerada**, deċiż minn din il-qorti (diversament ikkostitwita) fit-18 ta' Ottubru, 1968, u l-ieħor fl-ismijiet **Bonnici *vs* Mallia**, deċiż minn din il-Qorti (ukoll diversament ikkostitwita) fl-14 ta' Awissu, 1975, fejn, f'kull każ, kienet ġiet akkolta eċċezzjoni ta' rikużazzjoni dwar Imħallfin komponenti l-Qorti, "apparti", kif *jintqal fl-istess deċiżjonijiet,* "il-fondatezza jew le ta' l-allegazzjoni" li fuqha kienet ibbażata l-eċċezzjoni;

F'dan il-kuntest jiġi ukoll irrilevat dak li kienet qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Stickland *vs* Mizzi**, iċċitata b'approvazzjoni mill-Qorti Kriminali (Sede ta' l-Appell) fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Lulju, 1946, in re **Rex *vs* Leone Ganado** (Vol. XXXII-IV-601) u ċjoè illi: "*lo scopo che la legge è intesa a conseguire è quello di circondare colle debite garanzie e assicurarsi nella maggior misura possibile, non solo la retta amministrazione della giustizia, fondamento di ogni buon governo, ma anche la fiducia pubblica nella medesima*";

Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalhekk, konformament mal-prinċipji ġà rrilevati ma jidhirx xieraq li l-President ta' din il-Qorti u l-Onorevoli Mħallef Joseph Herrera, in vista ta' l-eċċezzjonijiet issollevati fil-konfront ta' kull wieħed minnhom, joqogħdu f'dawn l-appelli, u għalhekk tipprovdi fis-sens li tilqa' ż-żewġ eċċezzjonijiet imsemmija u tiddifferixxi l-appelli *sine die* biex jinstemgħu minn din il-Qorti diversament ikkostitwita, fuq domanda anke verbali ta' xi waħda mill-partijiet. Spejjeż riservati.